Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 37**
**It-Tlieta 29 ta'Marzu 2022**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Judy Sciberras : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

37.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku is-Sinjura Romina Galea u l-kunsilliera Is-Sinjura Judy Sciberras, li talbu li jkunu skużati.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

37.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-34 ,L8-85 u L8-36 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

37.3.01 B'referenza għal-minuti 17.5.08, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li fil-15 ta' Marzu 2022 saret laqgħa ma'rappreżentanti tal-PA li għalija kien hemm preżenti wkoll is-Sur Emanuel Brincat u Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħa kienet intalbet mill-Kunsill Lokali Imsida, biex tistaqsi dwar l-ammont disponibbli mill-Fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp assoċjat mal-lokalità biex ikun iffinanzjat l-proġett ta' estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali .

Hawn spjegat li waqt din il-laqgħa ġew diskussi l-applikazzjoni taż-żewġt proġetti LCF/110/2018 għal-tisbiħ tal-Ġnien go Misraħ San Guzepp stmat €436,974.27 u LCF/112/18 għal bini mill-ġdid tal- Konvenjenza Pubblika go Misraħ 5 ta' Ottubru stmata €121,721.06. Ġie stabbilit ukoll li sal-bidu ta' Novembru 2021, l-ammont disponibbli mill- fond tal- PA għall-Ippjanar tal-Iżvilupp assoċjat mal-lokalità kienu ta' €203,981.01. Jekk iċ-ċifri msemmija hawn fuq għall-proġetti proposti jiżdiedu mal-bqija tal-ammont disponibbli ta' finanzjament tal-PA, iċ-ċifra totali disponibbli fil-Fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp assoċjat mal-Imsida tkun ta' € 762,676.34.

Il-Kunsill Lokali spjega lill-PA dwar il-ħsieb li juża l-fondi, li oriġinarjament kienu proposti għall-proġetti msemmija hawn fuq, għal l-żvilupp tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali li huwa stmat li jiswa madwar €680,000. Dan l-ammont jinkludi t-tlestija tal-bini iżda esklużi għamara u tagħmir mobbli ieħor. Biex l-uffiċjali tal-PA jkunu jistgħu jivvaluta l-applikazzjoni, il-Kunsill Lokali ntalab jissottometti applikazzjoni li tinkludi: il-formola/i tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-PA, il-pjanijiet, il-permessi, il-BOQs, il-formola tal-applikazzjoni u r-ritratti eċċ.

Hawn spjegat ukoll li peress li għadu mhux magħruf x'se jiġri mill-proġetti tal-I.M għal-Imsida Creek ġie miftiehem li l-Kunsill Lokali se jkun qed jirtira ż-żewġ applikazzjonijiet pendenti attwali LCF/110/18 u LCF/112/18 u jitlob li l-ammonti ta' fondi tal-PA assoċjati jkunu diretti lejn il-proġett tal-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Għal dan se tkun qed toħroġ ukoll sejħa għall-offerti liema proċess għadu ma bediex għalhekk f'dan l-istadju l-PA issuġġeriet li, l-Kunsill japplika permezz ta' applikazzjoni għall-finanzjament tal-PA Ring-Fencing li mbagħad tiġi aġġornata f'applikazzjoni sħiħa wara li tingħata l-offerta.

37.3.02 B'referenza għal-minuti 27.5.03, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waqt l-stess laqgħa hawn fuq msemmija saru wkoll mistoqsijiet dwar il-proġett tal-Każin tal-Banda li jinkludi aċċess għal kulħadd u benefiċċji allokati għall-komunità li huwa stmat €97,000. Il-PA spjegat li dawn jaqaw taħt il-fondi għall-Ippjanar tal-Iżvilupp fl-Entitajiet u mhux tal-Kunsilli Lokali. Ġie indikat li fin-nuqqas ta' stimi assoċjati ma' proposti konkreti, il-PA ma' tistax tiżvela id-dettalji ta' finanzjament disponibbli lil Korpi mhux tal-Kunsilli Lokali. Madankollu jista' jiġi indikat li hemm biżżejjed fondi fil-komponent Imsida NLCB biex ikopru l-ammont indikat fit-talba tal-Każin tal-Banda.

B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira mill-proġetti li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw sa 70 % tal-finanzjament eliġibbli. Madankollu, f'każijiet ta' applikazzjonijiet konġunti, ma' entitajiet oħra, il-proposti jistgħu jibbenefikaw sa 100 % tal-fondi eliġibbli. Dan ifisser li ko-applikant mhux bilfors jeħtieġ li juża ammont addizzjonali bħala suppliment għat-talba (eż. meta l-ko-applikant ikun il-Kunsill lokali tal-Lokalità, dan jista' jagħżel li juża xi fondi tal-PA assoċjati mal-lokalità iżda dan mhuwiex rekwiżit f'każijiet bħal dawn). F'każijiet fejn 30% tal-ammont assoċjat ma' proġett li jikkwalifika għall-finanzjament tal-PA jiġi akkwistat minn sorsi mhux tal-PA, il-bqija tal-ammont jista' jikkwalifika sa 100 % tal-finanzjament eliġibbli.

37.3.03 B'referenza għall-minuti 19.4.07, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li Ambjent Malta bdiet tagħmel xogħlijiet ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ relatat ma' tisbiħ f'zona ta'afforestazzjoni gos- Swatar taħt Triq Indrì Grima. Biex ikun hemm aċċess aħjar għall-makkinarju l-kuntrattur se jneħħi parti mil-ħajt tal-ġenb sakemm jitlestew. Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ineħħi tmien blokki kbar tal-konkos li kienu mormija numru ta'snin ilu filwaqt li se jieħu ħsieb jipprovdi kull assistenza dwar il- permessi għall-ipparkjar u twaħħil tal-permessi oħra relatati fis-sit.

37.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni mil-kunsill Lokali l-Imsida flimkien mal-Għaqda nanniet Malta u il-Belt ta'Buchemi go Sqallija għal fondi Ewropew biex ikun implimentat programm dwar Iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV).L-għan ta' dan il-proġett huwa li jippromwovi u jsaħħaħ b'mod attiv l-anzjanità attiva fil-komunitajiet billi ssir promozzjoni ta' skambji bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi differenti. L-għan tal-proġett huma Il-promozzjoni u d-diskussjoni tal-patrimonju kulturali u t-tradizzjonijiet tal-Imsida u Ta' Buscemi, diskussjoni u dibattitu dwar kif il-pandemika tal-COVID-19 effettwat il-ġenerazzjoni anzjana fl-Imsida u Buscemi u jinbnew il-pedamenti għal kooperazzjoni fit-tul. Barra minn hekk, kull jum tal-ġemellaġġ propost se jkollu tema partikolari li għandha tiġi indirizzata l-Kultura u Tradizzjoni, l-Gastronomija, l-Covid u l-anzjani.

37.3.05 B'referenza għal minuti 36.3.03 , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li s-sistema mandatorja ta' permessi li jsiru mill-Kunsill Lokali se tiġi implimentata fl-ewwel ta'April.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta'spjegazzjoni fid-dettal ta' kif se tkun qed taħdem din is-sistema ta' permessi li jistgħu ssiru kemm mill- uffiċju jew online inkluż l-użu ta' ApcoPay. Hawn spjega ukoll kif is-sistema ta'tabelli għal parkeġġ se tkun valida għal intervent mil-LESA sakemm ix-xogħol deskritt ikun se jsir matul il-ħin speċifikat tal-inqas 48 siegħa wara li jkun sar il-ħlas għal permess.

**37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

37.4.01 B'referenza għall-minuti 33.4.12, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit lesta il pjanta bil-qisien tal-iskall li għanda tkun parti mill-appendiċi tal-Byelaw relatata .

37.4.02 B'referenza għall-minuti 34.3.01 dwar il-funtana go Triq D'Argen, is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li hemm suspett li din jista' jkun qed titlef l-ilma għalhekk reġgħet ġiet mimlija biex l-inġinier ikun jista' jagħmel verifika jekk hemmx xi ħsara jew dan huwa kawżat mir-riħ qawwi li kien hawn.

37.4.03 B'referenza għal minuti 34.3.02 dwar Skema SPI.SCI.9.2021,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sal-ġurnata tal-għeluq ma' kienx hemm proposti għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022

37.4.04 B'referenza għall-minuti 32.4.02 dwar is-sistema one way l-isfel għal Triq San Andrija, Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li din ġiet implimentata.

37.4.05 B'referenza għal minuti 34.4.04, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kumplament tal-bankijiet go Triq Victor Denaro ġew żarmati.

37.4.06 B'referenza għal-minuti 34.4.07 dwar l-installazzjoni ta' kameras mill-fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità, is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li TM ma' ssibx oġġezzjoni għalhekk l-applikazzjonijiet għal meter ta'dawl. Fil-mument jinsabu għand l-ARMS għal ipproċessar. Meta dan jkun lest il-kunsill jkun jista' jkompli bix-xogħol ta'installazzjoni.

37.4.07 B'referenza għal minuti 34.4.09 dwar SPI/SCI/3/2021, għall-fondi fuq Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk hux kollox sew mad-dipartiment.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kull ma fadal tintbagħat hija kopja tal-iskeda għal pagamenti ta' din is-seduta li turi li approvata u wara li ssir il-pagament trid tintbagħat kopja ta'riċevuta fiskali. Kif ikun hemm kollox lest il-bord tal-iskema jara l-affarijiet li huma kollox sew u japprova l-bilanċ ta' 25% li fadal.

37.4.08 B'referenza għal minuti 34.4.17 dwar il-bankina go Triq il-Triq il-Ħarrub, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit mar fuq il post u wara li ħa l-qies biex jara x'jista' jsir biex jiżdied il parkeġġ jidher li dan mhux possibbli.

37.4.09 B'referenza għal minuti 29.5.12 , Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li twaħħlet il-mera mitluba go Triq Santa Venera k/m K.Schembri.

37.4.10 B'referenza għal-minuti 34.5.07,Is-Seretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li l-MTIP lestiet ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja.

37.4.11 B'referenza għal minuti 36.3.01 dwar oġġezzjoni għad-deċiżjoni dwar " KLMsd/TDR/01/2021 - Tender for the Collection of Residential Bulky Refuse and Fly Tipping From Msida and Part of Swatar, in an Environmentally Friendly Manner, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li il-kunsill għadu qed jistenna komunikazzjoni mill- Public Contracts Review Board biex ikun jaf id-data meta se ssir is-seduta tal-appell.

37.4.12 B'referenza għal-minuti 36.3.06 dwar PA/00886/20 fejn qed ssir xogħol ta' żvilupp go Triq l-Għeriebel, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit tal-kunsill qed jaħdem fuq id-disinn li se jipproponi il-Kunsill.

37.4.13 B'referenza għal-minuti 36.3.07 ,Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk kienx hemm xi' żvilupp dwar l-applikazzjoni għal kostruzzjoni ta' grawnd tal-futbol kif deskritt go PA/03607/21.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li jinsab infurmat li qed ssir xi tibdil fil-pjanti.

37.4.14 B'referenza għal-minuti 36.4.01 dwar parti tat-triq li qed tiġi okkupata minn skip għal iskart u van użat għal rimi ta'materjal goff ieħor mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar kuntatt dirett mas-sid tal-attività kummerċjali u dawn issa ma għadhomx hemm.

Is-Sur Alfred Farrugia qal li sitwazzjoni rranġat u l-attività hija organizzata aħjar.

37.4.15 B'referenza għal minuti 36.5.02 dwar sejħa għall-Applikazzjoni "Local Council Urban Greening Scheme 2022,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l Kunsill applika b'proposta B għal tisbiħ go' roundabout tac- Ċirku tal-Imsida li tammonta għal € 3,410 inkluż il-VAT

37.4.16 B'referenza ghal minuti 36.5.07, Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk il-perit ġiex konsultat dwar it-talba biex ssir gandott bl-isprall go Triq Guze Ellul Mercer

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma'kellimx lill perit .

37.4.17 B'referenza għal minuti 36.5.08, Is-Sur Jean Claude Borg ta' dettalji dwar il-programm ta' attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li-l purċissjoni tat-tfal bil-vari se ssir fil-11 ta'April fil-11:00 am. Hawn spjega li se jkun hemm numru ta'studenti mill-iskola primarja Santa Theresa Msida li se jkunu ffurmati minn sitt klassijiet differenti. Ingħataw ukoll dettalji dwar l-avviż u ħinijiet tal-wirja sagra fil-bini amministrattiv tal-kunsill fil-ġimgħa mqaddsa u l-mixegħla go Misraħ San Guzepp f'Ħamis ix-Xirka.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar kif se jkun organizzat it-trasport għat- tfal mill-iskola fejn spjegat li l-iskola talbet biex dawn ikunu maqsuma kull klassi separata. Hawn spjegat ukoll kif se jinġabu permezz ta’mini van għal kull klassi u li dawn se jiswew madwar €250 mingħajr VAT.

Is-Sur Maurice Agius staqsa għala se jkun hemm van differenti għal-kull klassi filwaqt li Sur Alfred Farrugia ppropona biex jkun hemm ukoll tfal mill-iskola St Francis tal-Imsida.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li d-direzzjoni tal-iskola primarja għamlet enfasi li tfal għandhom jinżammu f' bubble għalihom għalhekk sar dan l-arranġament. Dwar l-iskola ta'St Francis spjegat li għalkemm din tinsab ġewwa l-Imsida l-istudenti huma ġejjin minn lokalitajiet differenti filwaqt li l-intenzjoni kienet li l-purċissjoni ssir minn tfal mill-Imsida.

37.4.18 B'referenza għal-minuti 36.5.08 dwar il-planters go Wesgħat il-Kunsill Lokali, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-ġardinar ingħata struzzjonijiet biex iħawwel numru ta'pjanti adattati.

**37.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

37.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba minn attività kummerċjali għal loading/unloading bay go Triq il-Kunċizzjoni ħdejn il-kappella fejn hemm spjegazzjoni ta' kif qed ikun hemm problema meta l-aġenti mhux qed issibu fejn jipparkjaw biex iħottu ix-xogħol u qed ikollhom jieqfu fin-nofs u jagħlqu it-triq sakemm jagħmlu dan.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u għamlu suġġerimenti fejn din tista' ssir għal matul il-ġurnata bil-ħin sakemm l-aġent jista' jħott ix-xogħol.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota biex ssir applikazzjoni ma' T.M.

37.5.02 B'referenza għal minuti 34.5.09 dwar ir-recycling points u tweġibiet pendenti relatata mal-Avviż Legali 146 tal-2021, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li matul il-ġurnata saret laqgħa ma'rappreżentanti għall-awtorità Ambjent u Riżorsi li ġew il-kunsill biex jipproponu siti oħra fejn jista' jkun hemm Recycling Points biex il-kunsill ikun konformi ma' l-obbligu li jipprovdi spazju għal sit kull 2000 abitanti, skont L.N.146 tal-2021. Hawn spjegat li fost il-proposti kien hemm siti bħall ħdejn il-ġibjun jew fil-Misraħ 5 ta'Ottubru fejn flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tat bosta raġunijiet għala dawn ma'jistgħux issiru hemm. Ma dawn kien hemm proposti oħra fosthom Triq it-Tajjar,Triq J. Borg u Triq San Gorg Preca fejn il-kunsill intalab biex jikkunsidra u jagħti risposta tiegħu lill Awtorità. Hawn kompliet tispjega li waqt din il-laqgħa reġgħu tqajmu bosta punti dwar l-infurzar, hot spots ta' rimi taż-żibel, dwar multi u punti oħra dwar finanzjament ta' CCTV għal infurzar li kulħadd isemmi iżda li fil-fatt mhux fil-funzjoni tal-kunsill li ma'għandux allokazzjoni biex issostni spejjez ta' kull xagħar għal netwerk ta' sistemi ta' Wi-Fi li hemm bżonn jiġu installati gol-Imsida u s-Swatar.

Saret diskussjoni fejn reġgħu tqajmu punti msemmija f'seduti preċedenti dwar l-abbużi ta' skart li saru fil-passat ma' dumping sites li wassal biex ittieħdet id-deċiżjoni li dawn jiġu żarmati. Il-kunsilliera preżenti ħadu kunsiderazzjoni ta' siti proposti mir-rappreżentanti għall-awtorità Ambjent u Riżorsi unanimament fejn ma'qablux ma' sit ta'Triq it-Tajjar filwaqt li għandhom ikomplu jikkunsidraw is-siti ta' Triq J. Borg u San Gorg Preca sakemm dawn ma jkunux abbużata u l-awtoritajiet bil-fatti jagħmlu l-infurzar b'mod konsistenti u effiċjenti.

37.5.03 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-parkeġġ ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin u talab biex ssiru tabelli biex il-vetturi jkun ipparkjati bl-exhaust il-barra.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota biex ssir ordni għal tabelli biex dawn ssiru .

37.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk power wash fuq-is-central strip ta' Triq L-Zamenhof.
Is-Sur Nicholas.J.Chircop staqsa jekk hux possibbli li ssir Triq J. Borg ukoll.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li Triq J. Borg hija parti mill-MOU biex ssir fis-sajf u ha nota biex jara x'jista ssir.

37.5.05 B'referenza għal-minuti 28.4.09, Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar progress biex jeħel id-dawl mal-faċċata tal-blokka go Triq L.Zamenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minkejja li intbghatet l-ittra ta' kunsens u saru bosta kuntatti għadu qed jistenna l-firma minn għand l-iżviluppatur

37.5.06 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar xi attivitajiet kummerċjali go Xatt Ta'Xbiex li qed joħorġu bin fuq il-bankina u jostakolaw il-passaġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota biex jara x'jista' ssir.

37.5.07 Is-Sur Nicholas.J.Chircop staqsa dwar id-dawl tal-fanal li sar go Sqaq J. Catania.
Is-Segretarju eżekuttiv spjega li fil-mument hemm STL form għal dan il-fanal u oħra biex jiġi regolarizzat il-fanal li jinsab aktar il' fuq fit-triq msemmija. Dawn it-tnejn għadhom qed jiġu proċessati mill- ARMS .

37.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba minn waħda mill-impjegati għal kunsiderazzjoni tal-kunsill u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jispjega fid-dettal.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill kunsilliera preżenti li kif ġa huma mgħarrfa waħda mill-impjegati se tkun qed toħroġ bil-leave tal-maternita filwaqt li tiehu ukoll sal-massimu ta'żmien barra għalhekk se jkun hemm inqas impjegati amministrattivi għal xi żmien. Hawn kompla jispjega li għalkemm il-kunsill jista' jipprova ssib sostitut sakemm din tarġa tidhol lura bl-istess grad attwali jidher li l-pożizzjoni Back to Back ma' jqajjimx wisq l-interess ta'min japplika. Wara li flimkien mas-Sindku għamel konsulta mal-impjegata dwar il-bżonnijiet tagħha skond iċ-ċirkustanzi ġodda talabha ukoll biex tikkunsidra alternattivi oħra offruti permezz ta'miżuri li jgħinu lill familja biex b'hekk tkun tista' tarġa tibda xogħol fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk qed titlob li bejn Ġunju u Settembru 2022 tagħmel it-18 il ġimgħa leave ta'maternita imbagħad sa'Diċembru 2022 tkun bla ħlas. Minn Jannar sa l-aħħar ta' Mejju 2023 taħdem b'siegħat imnaqqsa ta'30 siegħa b'telework u minn Ġunju 2023 tkompli b' l-istess sigħat imnaqqsa mill-uffiċju.

**37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

37.6.01 Ma kienx hemm rapporti

**37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

37.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-37 ta’ ħlasijiet bejn 22 ta'Frar sa 29 ta'Marzu 2022 .
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Nicholas.J.Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda.

**37.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:10 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 29 ta'Marzu 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 26 ta' April 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |